A.L. 289 ta' l-2006

ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

Regolamenti ta' l-2006 dwar in-Nolijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima' ta' Malta, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar in-Nolijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin.

Tariffa ta' nolijiet.

2. In-nolijiet li jitħallsu minn passiġġieri għall-vjaġġ minn Wied iż-Żurrieq sa l-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u għerien tal-viċin u lura għandhom ikunu dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"biljett" ifisser kupun stampat maħruġ kif stipulat fir-regolament 4;

"operaturi tal-bastimenti kummerċjali għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja" tfisser operaturi tal-bastimenti kummerċjali li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizz ta' trasport bid-dgħajjes minn Wied iż-Żurrieq sa l-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u għerien tal-viċin u lura;

"persuni bi bżonnijiet speċjali" tfisser kull min għandu fil-pussess tiegħu karta ta' identità speċjali maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;

"għerien tal-viċin" tfisser Għar il-Qattus, l-Għar ta' Filfla, l-Għar taż-Żażu, l-Għar ta' Taħt il-Ħnejja, l-Għar tar-Raddiena, Sieq l-Iljunfant, l-Għar ta' l-Għarusa u l-Għar tal-Munqar.

Ħlas tan-nol u ħruġ ta' biljett.

4. (1) Għandu jitwaqqaf uffiċċju ċentrali mill-operaturi tal-bastimenti kummerċjali għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja, li jkun responsabbli għall-bejgħ u l-ħruġ ta' biljetti lill-passiġġieri u għall-ġbir ta' l-istess nol qabel ma dawn jitilgħu fuq dgħajsa:

Iżda l-passiġġieri jistgħu jixtru biljett mingħand kull persuna awtorizzata mill-imsemmi uffiċċju ċentrali.

(2) L-itwal żmien ta' stennija għal kull vjaġġ, kif ikkalkulat mill-ħin meta l-ewwel passiġġier jitla' fuq dgħajsa, għandu jkun ta' ħmistax-il minuta.

(3) Mal-ħlas tan-nol u qabel it-tluq, għandu jingħata biljett lill-passiġġieri li jkun fih dan it-tagħrif li ġej:

(a) in-nol imħallas;

(b) id-data tal-ħruġ tal-biljett; u

(ċ) iż-żmien li jieħu l-vjaġġ li jkun ta' madwar ħamsa u għoxrin minuta.

Wiri tal-biljett.

5. Passiġġier jista' jintalab juri l-biljett tiegħu meta mitlub jagħmel dan minn uffiċjal awtorizzat, sabiex jivverifika u jispezzjona l-biljett u l-validità tiegħu, kemm qabel ma jitla' abbord id-dgħajsa u kemm waqt li jkun abbord dik id-dgħajsa. L-uffiċjal awtorizzat għandu jkollu fuqu karta ta' identità relatata max-xogħol tiegħu:

Iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, uffiċjal awtorizzat ifisser uffiċjal li jiġi hekk nominat mill-Awtorità Marittima ta' Malta.

Ħassar A.L. 4 ta' l-1992.

6. Ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar id-Dgħajjes tax-Xtajta għal Wied iż-Żurrieq (Tariffa ta' Nolijiet), qegħdin b'dan jiġu imħassra.

SKEDA

(Regolament 2)

TARIFFA TAN-NOLIJIET

Tfal taħt 3 snin……Ebda ħlas

Persuni bi bżonnijiet speċjali ……..……Ebda ħlas

Tfal bejn 3 u 10 sena…….……..……..……Lm1.50

Persuni bejn 10 u 65 sena…….……Lm3.00

Persuni ’il fuq minn 65 sena…..……..……Lm1.50